PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2008/2157(INI)**

7.10.2008

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur ta' l-Aġenzija FRONTEX u s-Sistema Ewropea għas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)
(2008/2157(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Gabriele Zimmer

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-kompitu tal-FRONTEX hu li tikkoordina l-koperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri għas-sigurtà fil-fruntieri u li l-FRONTEX tipprovdi valur miżjud partikulari għas-sistemi tal-immaniġġjar tal-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri.

2. Ifakkar fl-impenji tal-UE dwar il-koerenza politika għall-iżvilupp, kif hemm iddikjarat fl-Artikolu 178 tat-Trattat KE u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-5 u s-6 ta' Ġunju 2008 dwar titjib fl-Istrateġija Globali għall-Migrazzjoni, b'mod partikulari li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-migranti, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 u l-aċċess xieraq għall-proċeduri tal-ażil jiffurmaw il-bażi tal-politiki ta' migrazzjoni u ta' protezzjoni tar-refuġjati tal-UE;

3. Jinsisti li l-aġenziji kollha tal-UE, fosthom il-FRONTEX, fl-attivitajiet kollha tagħhom iridu jirrispettaw bis-sħiħ il-valuri fundamentali tal-UE u li l-FRONTEX għandha tkun suġġetta għall-iskrutinju tal-Parlament Ewropew;

4. Jenfasizza li s-sigurtà tal-fruntieri tal-UE hija r-responsabilità tal-Istati Membri kollha u li l-kontroll tal-fruntieri għandu jsir bi spirtu ta' qsim tar-responsabilitajiet u ta' solidarjetà; għalhekk jistieden lill-Kunsill biex il-prinċipju tal-qsim tar-responsabilità jagħmlu mandatorju għall-Istati Membri kollha;

5. Hu konvint li d-difiża u l-promozzjoni tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali, fosthom id-dritt li titlob ażil u l-aċċess għall-għajnuna legali għal persuni li jfittxu l-protezzjoni, għandhom jitqiesu bħala parti kruċjali minn kull sistema ta' ġestjoni tal-fruntieri li tkun sħiħa u integrata, u bħala parti integrali mill-mandat u l-attivitajiet tal-FRONTEX;

6. Iwissi li l-FRONTEX mhijiex soluzzjoni għall-problemi kollha kkawżati mill-migrazzjoni irregolari;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tinkludi korsijiet speċjalizzati fil-liġijiet dwar l-ażil u d-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-FRONTEX u jinkoraġġixxi li jkompli l-iżvilupp ta' din l-istrateġija; jipproponi li l-FRONTEX issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mill-qrib mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), anke fl-attivitajiet ta' taħriġ;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq bla dewmien proposta għar-reviżjoni tal-mandat tal-FRONTEX sabiex jinkludi s-salvataġġ fuq il-baħar;

9. Hu mħasseb li l-attivitajiet tal-UE fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jgħinu l-migrazzjoni legali qed tingħatalhom prijorità aktar baxxa mill-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari;

10. Iwissi li l-operazzjonijiet tal-FRONTEX barra mit-territorju tal-UE jistgħu jċaħħdu lir-

refuġjati mid-dritt li jitolbu ażil u mill-aċċess għal għajnuna legali għal persuni li jfittxu l-protezzjoni fl-UE;

11. Hu mħhasseb ħafna li l-espansjoni tal-operazzjonijiet marittimi kkoordinati mill-FRONTEX jistgħu jwasslu għal rata ogħla tal-imwiet f'rotot tal-baħar li huma aktar perikolużi; jiġbed l-attenzjoni li analiżi realistika tal-flussi għandha tkun ibbażata fuq strateġija globali, billi jekk l-analiżi tkun limitata għal rotot waħdanin, din tagħti indikazzjonijiet foloz dwar ix-xejriet;

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-attivitajiet ta' salvataġġ u appoġġ għal dawk il-persuni li jfittxu l-protezzjoni jew l-ażil jeħtieġu attenzjoni speċjali għal dawk il-persuni bi ħtiġijiet speċifiċi, bħat-tfal u n-nisa, u għalhekk iqis li l-korsijiet ta' taħriġ tal-FRONTEX għandhom jinkludu materjal dwar kif jiġu indirizzati ċerti ħtiġijiet speċifiċi;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkjarifika sa liema punt it-tagħrif miġbur permezz tal-hekk imsejħa "stampa tal-informazzjoni ta' qabel il-fruntieri" se jinqasam ma' gvernijiet Afrikani u gvernijiet oħra;

14. Hu mħasseb li ċittadini ta' pajjiżi terzi jista' ma jkollhomx mezzi adegwati biex jaraw jekk l-informazzjoni personali dwarhom miġbura mis-"sistema tas-sistemi" ppjanata mill-UE tkunx immaniġġjata skont il-prinċipji tal-liġi tal-protezzjoni tad-dejta li japplikaw fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkjarifika sa liema punt id-dejta personali se tkun disponibbli għall-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkjarifika xi kwalità ta' għajnuna loġistika għas-sorveljanza tal-fruntieri hija intenzjonata għal pajjiżi terzi li huma ġirien, kif imsemmi fit-tielet stadju tal-Fażi 1 tal-EUROSUR.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 7.10.2008 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 26<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Alessandro Battilocchio, Thijs Berman, Josep Borrell Fontelles, Danutė Budreikaitė, Nirj Deva, Alexandra Dobolyi, Beniamino Donnici, Fernando Fernández Martín, Juan Fraile Cantón, Alain Hutchinson, Romana Jordan Cizelj, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, José Javier Pomés Ruiz, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Anna Záborská |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Fiona Hall, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Anne Van Lancker, Renate Weber, Gabriele Zimmer |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Catherine Boursier |